**Santa Luċija**

**Minuti**

**Disà Leġislatura**

**Laqgħa Numru 12/2025**
**24 ta' Marzu 2025**

**Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-5:00p.m.**

PREŻENTI:
Charmaine St John – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku (attenda fis-5.09pm sa 7.40pm)
Kylie D'Amato – Kunsillier
Liam Sciberras – Kunsillier
Connie Debattista – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
NIL

ASSENTI
NIL

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Bernice Darmanin – Segretarju Eżekuttiv

MINUTI:

12.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija
NIL

12.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 11 u 11A

Il-Minuti tal-Laqgħa 11-25 ġew iċċirkolati qabel is-seduta u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija. Il-Kunsillier Sciberras talab li ssir emenda fuq il-punt 11.3 billi tiżdied: Il-Kunsillier Sciberras qal li l-proċeduri legali tagħti lok li dan isir. Il-minuti ġew approvati b'din l-emenda.

Il-Minuti tal-Laqgħa 11A-25 ġew iċċirkolati qabel is-seduta u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija. Il-Kunsillier Sciberras talab li ssir emenda fuq il-punt 11A.5 billi titranġa l-frażi: Il-Kunsillier Sciberras rrimarka sabiex jekk irid ikun hemm kollox kif suppost, il-Parkeġġ f' Dawret it-Torri għandu jsir change of use mal-PA sabiex minn Public open space tinbidel għall-parkeġġ. Il-minuti ġew approvati b'din l-emenda.

12.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

12.3.1 Is-Sindku faħħret lill-Kunsillier Sciberass għall-kariga l-ġdida bħala **President** tal-Kunsill Lokali f'isem il-Partit Nazzjonalista.

**12.3.2** Is-Sindku għaddiet l-istatistika tal-laqgħat li saru matul ix-xahar ta' Marzu 2025 (Annex 1).

**12.3.3** Is-Sindku infurmat li impjegata tal-Kunsill, s-Sa Gloria Abela ma aċċettatx li tkun **Deputat** Segretarju Eżekuttiv, għalhekk is-SE issuġġeriet li tkun is-Sa Christine Mansueto. Il-Kunsill approva

Il-Viċi Sindku ingħaqad f'din il-laqgħa (5.09pm)

**12.3.4** Il-Minuti tal-laqgħat li saru mal-kuntrattur tal-**Street Sweeping, mac-Chinese Culture, Community Policy u Lands Authority** ġew mgħoddija qabel is-seduta u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija. (Annex 2). Is-Sindku qrat xi punti importanti li ġew diskussi matul il-laqgħa mal-kuntrattur tal-street sweeping. Il-Kunsilliera Debattista wara li tkellmet ma espert tan-naħal, dan infurmaha li n-naħal ifitex il-medda tal-fjuri li għandhom il-pollen mhux il-ħaxix ħażin.

**12.3.5** Is-Sindku infurmat li l-Kunsill irċieva invit mingħand l-International Tourism Alliance of **Silk Road** Cities sabiex bejn it-23 u 30 ta' Mejju 2025 tmur delegazzjoni mill-Kunsill iċ-Ċina. Id-delegazzjoni ser tkun irrappreżentata mis-Sindku bħala Head of Delegation, u ser jattendu l-Kunsilliera D'Amato u Sciberras u s-SE. Il-Kunsill approva.

**12.3.6** Is-Sindku ikkjarifikat xinhu l-irwol tas-Sindku meta kunsillier jkollu r-**responsabiltajiet** assenjati lilu. Is-Sindku qrat il-korrispondenza tad-DG Emil Vassallo (Annex 3) li infurmaha li l-irwol qiegħed miktub fil-liġi u li s-Sindku u s-SE għandhom ir-responsabilta tal-Kunsill inġenerali. Il-Kunsillier Sciberras fakkar fiċ-ċirkolari mibgħuta mid-DLG, Ċirkolari 12/2019 (Annex 3a), fejn li xtaq jiċċara li jekk għandu responsabiltà, jista jikkomunika b'mod liberu mal-kuntrattur, qisu qed jiġi mitkellem mis-Sindku. Il-Kunsillier Sciberras iċċara li jrid jiġi mgħoti work plan tax-xogħolijiet li ser ikunu ser isiru minn kull kuntrattur, u mhux ser jiffirma għal pagamenti ta' xogħol li ma jkunx sar. Is-Sindku qablet li l-pagament m'għandux isir. Is-SE informat li inħarġet t-tender tal-parks and ġonna.

**12.3.7** Is-Sindku ikkonfermat li l-Mixgħela ser terġa ssir grazzi għall-ex Sindku Terrence Ellul. Kif ukoll is-Sindku infurmat ukoll li nhar is-Sibt il-Għid ser issir **attivita'** għat-tfal bejn l-10.00am u 12.00pm li tinvolvi carrot hunting, figolla decoration, tpinġija, logħob tradizzjonali u t-tfal li jattendu ser jieħdu borża ħelu. Din l-attivita ser issir donazzjoni għal Smiling with Jerome wara suġġeriment tal-Kunsilliera D'Amato u bi qbil mill-Kunsill.

**12.3.8** Is-Sindku infurmat li x-xufier tal-Kunsill ingħata **taħrika** matul attivita' li organizza l-Kunsill, u għalhekk talbet l-approvazzjoni tal-Kunsilliera sabiex din iċ-ċitazzjoni tiġi imħallsa mill-Kunsill. Is-Sindku infurmat li l-punti ser idduru fuq ix-xufier.

**12.3.9** Is-Sindku ħarġet b'idea biex is-servizz tal-**van** jintuża filgħaxija u matul il-weekend, peress ħafna mill-anzjani ma jafux jużaw il-mobile u l-anzjani jħallsu dirett lix-xufier. Lill-kunsilliera għoġbithom din il-proposta, iżda ma qablux li l-flus jeħodhom dirett ix-xufier, dan għaliex li l-kunsill iħallas l-ispejjeż tal-van bħal manutenzjoni, insurance, eċċ. Is-Sindku infurmat li ser tara kif tista tiġi maħduma din l-idea fosthom l-ispejjeż involuti u l-prezzijiet taż-żoni fejn l-anzjani jixtiequ jmorru. Il-Viċi Sindku rrimarka li din l-idea mhux biex nagħmlu qligħ iżda biex niġbru l-ispejjeż.

**12.3.10** Is-Sindku infurmat li l-kunsill irċieva invit għall-Webinar dwar **Solutions for Achieving Zero Waste in China and Beyond**. Għal dan il-webinar ser jattendu s-Sindku, il-Kunsillier Sciberras u s-SE.

12.3.11  Is-Sindku infurmat li għall-Iskema CIES 2024 applikaw 3 persuni, u għall-vakanza ta' Skala 12 s'issa applikat persuna waħda.  Il-Kunsilliera qablu li l-**interview** isir nhar il-Ġimgħa, 4 ta' April 2025 mill-4.00pm il-quddiem u li ser issir mill-Kunsilliera.
12.3.12  Is-Sindku fakkret dwar il-korrispondenza li ġiet mibgħuta mill-AKL u ANSEK dwar il-**ġbir tal-ID Cards mill-Kunsill kif ukoll il-ħlasijiet tal-kontijiet tal-ARMS**.  Is-Sindku infurmat li bħala kunsill applikajna li interessati, iżda ma jfissirx li qed nikkometu għalihom peress li bħalissa qed jiġbru d-dettalji tal-Kunsilli li huma interessati.

12.3.13 Is-Sindku infurmat li **TM** (Annex 4) bagħtu l-approvazzjoni tal-Belishia Crossing fi Triq Kamelja c/w Vjal Oleandri, Triq iz-Zahar, Triq Gardenja u Triq Ġiżimin u l-Hatch Lines f'Dawret it-Torri.  TM ma approvatx il-ONE WAY except for Residents.  Għalhekk il-Kunsill approva li nerġgħu napplikaw għall-One Way għal kulħadd.

12.3.14  Is-Sindku talbet l-approvazzjoni tal-Kunsilliera sabiex nitolbu l-perit għall-BOQ sabiex napplikaw mal-Public Works sabiex tiġi rranġata l-bankina ta' **Triq l-Għansar**.  Il-Kunsill approva.

12.3.15 Is-Sindku irċeviet talba mingħand resident sabiex jsir **parkeġġ** fuq iż-żewġ naħat ta' Triq Bice Mizzi. Il-Kunsill Sciberras ma qabilx ma din il-proposta, u informa li l-parkeġġ li sar fi Triq id-Dawl faċċata tal-garaxx tal-kunsill hemm bżonn jitneħħa għax ma ddurx vettura sew. Is-Sindku infurmat li ser tmur tara eżatt.

12.3.16  Is-Sindku infurmat li l-Kunsill irċieva talba mingħand **Right2Smile** sabiex jingħata spazu għall-storage fi Ġnien is-Serenita.  Il-Kunsilliera qablu li m'hemmx spazju.

12.3.17  Is-Sindku qrat il-korrispondenza mibgħuta minn **Gardania** dwar id-dawl li jibqa' jgħatti matul il-lejl peress li qiegħed imqabbad mal-Street Lightning u d-dawl ħiereġ minn ġos-siġar.  Is-Sindku bi qbil mingħand il-kunsilliera li ser tinġieb stima għall-timer.

12.3.18  Is-Sindku infurmat li l-Kunsill ser japplika għal dawn l-iskemi, li l-kunsill irid iħallas 15% iżjed ma' l-ammont li ser jagħti d-DLG għal kull skema:

- **SPI/02/2025 – Attivita Kulturali:** Is-Sindku infurmat li nhar it-Tlieta 25 ta' Marzu 2025 għandha laqgħa ma l-Artistic Director sabiex tiġi organizzata serata Maltija.
- **SPI/03/2025 – Clean Up:** Ser napplikaw bħas-sena l-oħra li ser jieħu ħsieba l-Kunsillier Sciberras.
- **SPI/04/2025 – Milied u SPI/05/202 Karnival 2026**:  Ser tieħu ħsieba l-Kunsilliera D'Amato.
- **SPI/06/2025 – Proġett Manutenzjoni u Sostenn:** Is-Sindku infurmat li ser napplikaw għall-vettura għall-ħaddiema u shed tal-ġebel ħdejn il-ġibjun fejn ikun stored is-safety equipment għall-ġibjun.
- **SPI/07/2025 – Komunitajiet aktar b'saħħithom:** Restawr tal-ġnien iċ-ċiniżi u embellishment tal-kmamar u bini ta' storage room fil-picnic area.
- **SPI/08/2025 -  Child Minding Service**

Il-Kunsill approva li napplikaw għall-dawn l-iskemi, skond is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill.

12.3.19  Is-Sindku qrat korrispondenza li l-Kunsill irċieva dwar in-**National Supporting Business Awards** fejn ser isir hemm webinar nhar it-Tlieta, 1 ta' April 2025.  Il-Kunsilliera interessati, għandhom jinfurmaw lill-Kunsill sabiex nirreġistraw.

**12.3.20** Il-Kunsillier Sciberras issuġerixxa li wara korrispondenza mingħand *Foundation for the Conservation of the Maltese Honey Bee* li t-triq tad-dog park, minn Triq il-Prinjoli, tiġi imsemmija **Triq in-Naħla Maltija**. Il-Kunsill approva.

**12.3.21** Is-Sindku infurmat li wara l-email thread li bdiet il-Kunsilliera Debattista dwar fejn ser issir il-**venda**, il-Kunsill approva li kif ġiet il-bus stop issa, għandha ssir fi Triq Katarina Vitale fejn il-bus stop, għaliex hemm spazju biżżejjed fejn tipparkja tallinja.

**12.3.22** Is-Sindku spjegat xintqal matul il-laqgħa li saret illum mal-Perita Sarah Pace (IM) dwar il-call off ta' **Triq Maria De Domenicis** (Annex 4). Is-Sindku infurmat li l-minuti ser jiġu mibgħuta aktar tard. Il-Kunsilliera Debattista talbet jekk hux possibli jaħdem il-kuntratt li ħadem Triq il-Ġibjun, peress li r-residenti kienu kuntenti bis-servizz tiegħu. Is-Sindku spjegat lill-Kunsilliera x'inhu pjanat li jsir minn IM (Annex 4a). Il-Kunsillier Sciberras talab li jsiru diversi emendi fil-proposta li saret minn IM li tirrifletti t-tibdil tal-street alignment ta' Triq Katarina Vitale kantuniera ma Triq Maria De Domenics (Annex 4b). Is-Sindku infurmat li ser tgħaddi dawn il-proposti lill-Perita Pace.

**12.3.23** Is-Sindku talbet l-approvazzjoni dwar 2 **ħarġiet** f'April, waħda żjara l-MICAS fl-10 ta' April 2025 u ħarġa oħra ġewwa Għawdex fil-21 ta' April 2025. Il-Kunsill approva.

**12.3.24** Is-Sindku talbet li l-**Laqgħa Annwali** issir wara li jiġi iffinalizat l-Audit, li suppost jkun lest sas-seduta li jmiss. Il-Kunsill approva.

**12.3.25** Il-Kunsilliera Debattista talbet li jibdew isiru **talks** ta' tagħrif lir-residenti. Is-Sindku issuġeriet li dawn isiru flimkien mal-Active Ageing imma tkun miftuħa għall-kulħadd sabiex ikun hemm iżjed konkorenza. Is-Sindku stiednet lill-Kunsilliera Debattista sabiex tieħu ħsieb l-organizzazjoni ta' dawn it-talks. Il-Kunsilliera Debattista ser tieħu ħsieb l-ordni ta' pjanti għal Mothers Day. Il-Kunsill approva.

**12.3.26** Il-Kunsillier Sciberras talab sabiex jitneħħa l-ewwel **parkeġġ** ta' taħt Ġnien Simbjożi, u l-ewwel parkeġġ tax-xellug, int u ġej minn Dawret it-Torri għal Triq San Piju IX. Il-Kunsill approva.

**12.3.27** Il-Kunsillier Sciberras staqsa fix wasal il-proċess tat-**trial period** lill-public transport. Is-Sindku infurmat li l-kunsill qed jibgħat diversi reminders.

**12.3.28** Il-Kunsillier Sciberras talab biex jitranġa l-fence ta' fejn il-ġibjun billi jsir safety assessment. Hu issuġġerixxa wkoll li ssir shed fejn ikun hemm safety equipment, sellum, ċwievet f'każ ta' inċident simili, eċċ. Il-Kunsill approva.

Is-Sindku resqet mozzjoni sabiex tiġi mgħoddija l-iskeda tal-pagamenti. Il-Kunsill approva.

## 12.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Fl-skeda ġew miżjuda 2 invoices ta' Antes Insurance (renewal tal-insurance) u ċ-ċitazzjoni. Il-Kunsillier Sciberras talab li l-pagament ta' Mark Taliana Gardening ma jsirx peress li l-Kunsill mhux ikollu servizz effiċjenti. Il-Kunsill approva. Il-Kunsillier Sciberras ppropona u l-Kunsilliera Debattista ssekondat l-iskeda.

## 12.5 Iċ-Ċentru Ċiviku

Is-Sindku infurmat li saru diversi tentattivi sabiex isir laqgħa informali, imma din il-laqgħa ma seħħitx. Saret ukoll email thread għas-suġġerimenti fejn irrispondew s-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsilliera D'Amato. (Annex 5). Il-Kunsillier Sciberras għadda l-kummenti tiegħu dwar il-presentation li saret matul il-laqgħa ta' konsultazzjoni:

- tiġi mibgħuta soft copy tal-presentation
- Seta' kien hemm mdaħħal titlu dwar il-parkeġġ – Is-Sindku ikkjarifikat li mhix requirement mingħand l-PA, u lanqas hemm taħrika ħabba l-parkeġġ.
- Ma qabilx li kien hemm li tidaħħal l-ammont ta' views tal-google form li saret peress li hija misinformazzjoni.

Il-Kunsillier Sciberras talab kemm ġie jiswa s'issa dan il-proġett, u s-SE infurmat li l-Kunsill ħallas madwar €30,000.

Is-Sindku qrat il-proposti li bagħtet lill-kunsilliera, kif ukoll dawk li bagħtet il-Kunsilliera D'Amato (Annex 5a)

Is-Sindku infurmat li illum, 24 ta' Marzu 2025 kellha site visit mal-perit fi Triq il-Lellux biex iżur sit alternattiv li kien propost fuq il-hypogeum bħala spazju. Hi ġiet infurmata li fih ftit iżjed minn 100sqm, u li ma setgħux iħaffru taħt u hemm l-limitazzjoni tal-għoli, għalhekk mhuwiex ideali għall-bini taċ-ċentru ċiviku sabiex jakkomodaw s-servizzi issuġeriti.

Il-Kunsillier Sciberras ppropona **Mozzjoni b'Urġenza**, ssekondata mill-Kunsilliera Debattista: **Binja Ċentru Ċiviku** (Annex 6) fejn ippropona li:

- Nipproteġu l-ambjent kollhu kemm hu
- Isir ċentru ċiviku fil-binja u/jew area fejn hemm il-binja tal-kummissarju.

Is-Sindku wriet id-diżappunt tagħha li l-Kunsilliera Sciberras u Debattista għażlu li ma jibgħatux suġġerimenti tagħhom, imbagħad ġew jippreżentaw mozzjoni meta l-għan kien li jaħdmu flimkien id f'id għaċ-ċentru ċiviku.

Il-Kunsillier Sciberras staqsa lis-Sindku x'differenza hemm bejn l-għalqa ta' Triq Stefanotis u għal art ta' Pjazza 7 ta' Lulju.

**Is-Sindku** bdiet id-diskussjoni fejn infurmat li l-proposti minn Pjazza 7 ta' Lulju kienu li jkun hemm 2 sulari taħt l-art li fihom aktar minn 400sqm kull sular, mill-ewwel sular ser jingħata 300sqm lir-residenti, roof garden aċċessibli l-ħin kollhu speċjalment għall-anzjani, ser ikun hemm ġnien, Active Ageing, sala, kamra għall-laqgħat u uffiċini aċċessibli għall-kulħadd. Is-Sindku rrimarkat li l-art hija art mhux mibnija u devoluta lill-Kunsill sabiex speċifikament jinbena iċ-ċentru ċiviku, u jekk din l-art ma tiġix mibnija l-gvern jista' jeħoda lura u jibni xi ħaġa oħra fuq din l-art. Is-Sindku fakkret li l-Ministru tax-Xogħolijiet Pubbliċi ta' l-garanzija li ser jieħu ħsieb il-bini taċ-ċentru ċiviku dan peress li l-Kunsill ma għandhux flus, u bħala Sindku ilha 5 snin titlob għall-fondi minn diversi entitajiet sabiex ikun jista' jiġi mibni. Il-Kunsillier Sciberras qabel ma dan kollhu. Rigward il-binja tal-Kumissarju, s-Sindku fakkret li l-art hija wisq żgħira, u li l-art ta' Pjazza 7 ta' Lulju kollha qed tiġi mgħotija lura lir-residenti biex ikollhom ħajja aħjar.

**Il-Viċi Sindku** ma kellux kummenti xi jżied peress li kulħadd jaf xinhi l-pożizzjoni tiegħu f'dan ir-rigward; li ċ-ċentru ċiviku jsir fi Pjazza 7 ta' Lulju. Il-Viċi Sindku fakkar li l-Kummissarju mhux ser joħroġ mill-binja.

**Il-Kunsilliera D'Amato** reġgħet irrimarkat li l-art ta' Pjazza 7 ta' Lulju mhix art verġni la l-perit informa li din l-art hija blat. Il-Kunsilliera D'Amato staqsiet lill-Kunsillier Sciberras għalfejn din il-mozzjoni ġiet proposta f'din is-seduta u mhux matul dawn l-aħħar 10 snin. Il-Kunsilliera D'Amato ikkomparat binja tal-Kunsilli Lokali ta' pajjiżi oħra mal-Kunsill preżenti fejn huma mgħammra b'diversi servizzi. Fakkret ukoll li l-Kunsill

prova soluzzjonijiet oħra iżda ma kienx hemm għajnuna. Il-Kunsill kellu jaħtaf din l-opportunita, speċjalment meta l-Kunsill talab għall-għajnuna lill-Ministru Chris Bonett din l-għajnuna ser tingħata.

**Il-Kunsilliera Debattista** infurmat li ċ-ċentru ċiviku huwa bżonnjuz fil-lokalita ta' Santa Luċija, iżda m'hemmx għalfejn isiru attaki personali bejn il-kunsilliera, dan peress li huma kollegi. Il-Kunsilliera talbet li jsir assessment għar-roof Garden minħabba l-leakage, u jekk isir ħsara fuq il-bejt ma tistgħax tiġi msewwija jew aċċessibilta biex f'każ ta' ħsara tkun tista tissewwa faċilment, iżda fl-istess waqt tippreferi li l-bejt isir bis-solar panels. Bħala suġġeriment hi qalet li tajjeb li jkun hemm child minding Service. Il-Kunsilliera Debattista kjarifikat li hi taqbel maċ-ċentru ċiviku propost imma mhux fi Pjazza 7 ta' Lulju.

**Is-Sindku** staqsiet lill-Kunsillier Sciberras għalfejn minflok bagħat s-suġġerimenti tiegħu permezz tal-email wara li bdiet email thread u wara li saru diversi tentattivi biex issir laqgħa informali, li din ma rnexxitx għax ma nstabitx ġurnata jew ġiet ikkanċellata, il-Kunsillier Sciberras ipprefera li jiġi s-seduta tallum b'mozzjoni. Is-Sindku kjarifikat li kien hemm qbil li l-ewwel isir laqgħa ta' brainstorming flimkien.

**Il-Kunsillier Sciberras** qal li hu wiegħed qabel l-elezzjoni li art verġni ser tibqa art verġni, u fuq l-blat ma titlax ħamrija. Qal li l-google form imlewha 4.8%, 109 persuni minn 2384 persuna eliġibbli, li dan ma jirrappreżentax xi jridu r-residenti. Il-Kunsillier Sciberras issuġerrixa li tintuża l-gazebo bħala sala tal-Kunsill, minħabba li din ġiet mibnija għal din ir-raġuni. Is-Sindku infurmat li l-gazebo ma saritx għall-dan l-użu. Il-Kunsillier Sciberras talab li jkollu f'idejh issa l-agreement ta' mal-Ministru li ser jwettaq ix-xogħolijiet tal-binja. Ġie rrimarkat li ser iżomm mal-wegħdi u prinċipji tiegħu u ser jibqa sostennibli.

Is-Sindku, Viċi Sindku u l-Kunsilliera D'Amato ivvutaw kontra u l-Kunsilliera Sciberras u Debattista ivvutaw favur. Għalhekk din il-mozzjoni ma għaddietx.

Is-Sindku kjarifikat li agreement bħalissa m'hemmx peress li l-Kunsill l-ewwel irid jaqbel fuq is-sit u l-pjanti, li dan kollhu kien ġa qiegħed miktub fil-minuti tal-laqgħa li saret mal-Ministru, u jekk il-Ministru mhux ser jagħmel dan il-proġett, il-Kunsill ma għandux minn fejn jagħmlu. Is-Sindku infurmat li fil-laqgħa li jmiss iġġib l-sqms tal-binja tal-Kummisarju u ikjarifikat li l-aċċess għall-Kunsill jrid ikun groundfloor bil-liġi.

Il-Viċi Sindku ħalla din il-laqgħa fis-7.40pm.

## 12.6 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fis-7.45pm. Id-data tas-seduta li jmiss ma ġitx mifthema wara li s-seduta spiċċat ħesrem.

Konfermati, illum 7 ta' Mejju 2025.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Charmaine St John<br>Sindku | Bernice Darmanin<br>Segretarju Eżekuttiv |